MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1160/2004

**DINGLI CO.INTERNATIONAL**
**bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**CHARLES ZAMMIT**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm54.36) rappresentanti kwantu ghal Lm46.07 bilanc ta' Royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu 6 ta' Mejju 2003 sal-5 ta' Mejju 2004 in konnessjoni mal-licenzja numru 011945 (Dokument A anness ma'l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta attrici favur il-konvenut, b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti id-dritt li jxandar fil-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Da Tommaso" Restaurant,

Ghadira Bay, Mellieha u Lm8.29, Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-31 ta' Lulju 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm54.36), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------